



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Jannar 2024
(OR. en)

16004/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0451 (NLE)

POLCOM 288
SERVICES 59
COASI 215
TELECOM 382
DATAPROTECT 364

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera tad-data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika¹.
- (2) Fit-28 ta' Ottubru 2023, ġew konklużi n-negozjati għall-Protokoll dwar l-emmenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ('il-Protokoll') rigward il-fluss liberu tad-data.
- (3) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsulat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u ta opinjoni fi ...³.
- (4) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 330, 27.12.2018, p.3.

² Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

³ ĠU C, ..., ELI: ...

Artikolu 1

L-iffirmar fl-isem l-Unjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll⁴⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁴ It-test tal-Protokoll huwa ppublikat fi ... [*daħħal ir-referenza tal-ĠU*].

⁺ Delegazzjonijiet/ĠU : araw id-dokument st 16006/23.